**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2016/0275(COD)**

31.3.2017

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea.
(COM(2016)0583 – C8-0376/2016 – 2016/0275(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Nirj Deva

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Bħala l-akbar mutwanti multilaterali tad-dinja, il-BEI qed isir kulma jmur aktar attiv barra l-UE, billi jinvesti fi proġetti li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku inkluživ, immexxi mill-għanijiet tal-politika esterna tal-UE, u għalhekk qed isir parti integrali mill-Pjan ta' Investment Estern (PIE).

Sfidi bla preċedent qed ikomplu jagħmlu pressjoni fuq il-kapaċità tal-mandat estern, u jħallu marġini operazzjonali limitat fl-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Asja Ċentrali, l-Ewropa tal-Lvant, li hu previst li se jkompli jonqos saħansitra aktar fl-ambitu tal-limitu massimu propost mill-Kummissjoni għall-mandat ta' self estern. Il-preżenza tal-BEI fl-Asja, l-Amerika Latina u l-Afrika t'Isfel jonqos b'50 % meta mqabbla mal-livelli attwali tagħha, filwaqt li l-attività tal-bank fil-Viċinat tal-Lvant se tara tnaqqis sinifikanti.

Ir-rapporteur għal opinjoni jilqa' l-Pakkett tar-Reżiljenza tal-BEI, iżda jemmen li ammont addizzjonali ta' EUR 3 530 miljun lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni għandu jippermetti lill-BEI iżomm l-attivitajiet esterni tiegħu fil-livelli attwali, lil hinn mill-pajjiżi ġirien milquta attwalment mill-kriżi tal-migrazzjoni u tar-rifuġjati.

Il-Pjan ta' Investment Estern jista' jiżviluppa f'katalizzatur inkredibbli għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi. Huwa jipprovdi qafas koerenti biex jiġi promoss l-investiment, jitħeġġu s-sħubijiet pubbliċi-privati u jkunu appoġġati l-MSMEs, permezz tal-mobilizzazzjoni ta' fondi mill-UE, l-Istati Membri tagħha u donaturi oħra u finanzjament mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji u s-settur privat.

Ir-rapporteur għal opinjoni jemmen li l-Kummissjoni Ewropea u l-BEI għandhom jagħmlu enfasi aktar fit-tul fuq l-iżvilupp sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir, minflok ma jinvestu l-enerġija tagħhom biex jindirizzaw ir-rispons għall-kriżi tar-rifuġjati u l-migrazzjoni. Il-pajjiżi b'introjtu baxx u medju jinsabu fil-qalba tal-kriżi tar-rifuġjati. Maġġoranza kbira tal-persuni spustati bil-forza jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li jilqgħu fihom 89 fil-mija tar-rifuġjati u 99 fil-mija tal-persuni spostati internament.[1]

Bħala tali, trid issir distinzjoni ċara bejn aġenda għall-iżvilupp fit-tul, fil-kuntest tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, li jinkludi l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u l-perspettiva għal żmien qasir biex jgħinu lir-rifuġjati u l-komunitajiet ospitanti f'żoni milquta mill-kriżijiet, kif maħsub permezz tal-Modulu 3 tal-Pakkett ta' Reżiljenza tal-BEI.

Ir-rapporteur għal opinjoni jemmen ukoll li huwa vitali li l-SMEs jiġu appoġġati biex jagħmlu t-tranżizzjoni lejn is-settur formali u jkollhom aċċess aħjar għall-kreditu. Meta jitqies li 70 % tal-MSMEs kollha fis-swieq emerġenti m'għandhomx aċċess għall-kreditu, it-titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament u s-sejbien ta' soluzzjonijiet biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' sorsi ta' kapital huwa kruċjali biex jippermetti li dan is-settur potenzjalment dinamiku biex jikber u jipprovdi l-impjiegi meħtieġa.

---

[1] *Forcibly Displaced - Toward a development approach supporting refugees, the internally displaced, and their hosts* ADVANCE EDITION, The World Bank, 2016, p.3 https://openknowledge.worldbank.org/bitstream/handle/10986/25016/9781464809385.pdf?sequence=2&isAllowed=y

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-komunità internazzjonali qed tiffaċċja kriżi bla preċedent ta' ***refuġjati***, li teħtieġ solidarjetà, mobilizzazzjoni effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji u l-ħtieġa li jiġu ffaċċati u li jintegħlbu l-isfidi eżistenti b'mod ikkoordinat. L-atturi kollha jridu jaħdmu flimkien biex japplikaw politiki sostnuti, fuq terminu medju u fit-tul kif ukoll użu effiċjenti ta' ***proċessi u*** programmi eżistenti bl-għan li jappoġġaw inizjattivi li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali ***tal-migrazzjoni***. | (1) Il-komunità internazzjonali qed tiffaċċja kriżi ***migratorja u tar-rifuġjati*** bla preċedent ta' , li teħtieġ solidarjetà, mobilizzazzjoni effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji u l-ħtieġa li jiġu ffaċċati u li jintegħlbu l-isfidi eżistenti b'mod ikkoordinat. L-atturi kollha jridu jaħdmu flimkien biex japplikaw politiki sostnuti, fuq terminu medju u fit-tul kif ukoll użu effiċjenti ta' programmi eżistenti bl-għan li ***jfasslu u*** jappoġġaw inizjattivi li jikkontribwixxu ***għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u*** għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali ***tal-pressjonijiet migratorji li jirriżultaw mill-faqar, mill-inugwaljanza, mit-tkabbir demografiku, min-nuqqas ta' impjiegi u ta' opportunitajiet ekonomiċi, mit-tibdil fil-klima u mill-konsegwenzi fit-tul tal-ispostament furzat***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Jenħtieġ li jkun evitat kull tentattiv ta' rbit tal-finanzjament tal-iżvilupp mal-kontroll fil-fruntieri, mal-ġestjoni tal-flussi migratorji jew mal-ftehimiet ta' riammissjoni.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Jenħtieġ li jiġi żviluppat qafas ġdid ta' sħubija ma' pajjiżi terzi ***orjentat lejn ir-riżultati*** li jikkunsidra l-politiki u l-istrumenti kollha tal-Unjoni. Bħala parti minn ***dan*** il-qafas ġdid ta' sħubija, il-Pjan ta' Investiment Estern ***jenħtieġ li*** jiġi stabbilit ***biex jappoġġa l-investimenti*** f'reġjuni barra mill-Unjoni, filwaqt li ***jikkontribwixxi għall-kisba tal-għan ta' żvilupp sostenibbli***. Jenħtieġ ukoll li jissodisfa l-objettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-objettivi segwiti mill-istrumenti finanzjarji l-oħra għall-azzjoni esterna. | (2) Jenħtieġ li jiġi żviluppat qafas ġdid ta' sħubija ma' pajjiżi terzi***, allinjat mal-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp,*** li jikkunsidra l-politiki u l-istrumenti kollha tal-Unjoni. Bħala parti minn ***dak*** il-qafas ġdid ta' sħubija, il-Pjan ta' Investiment Estern ***għandu*** jiġi stabbilit ***sabiex tingħata spinta lill-investimenti sostenibbli, li għandhom l-għan li jiksbu l-SDG*** f'reġjuni barra mill-Unjoni, filwaqt li ***joħloq sħubijiet mas-settur privat lokali u tal-Unjoni u li jikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs***. Jenħtieġ ukoll li jissodisfa l-objettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli***, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, inkluż il-promozzjoni tal-mobilizzazzjoni ta' riżorsi interni*** u l-objettivi segwiti mill-istrumenti finanzjarji l-oħra għall-azzjoni esterna. ***Aktar ma pajjiż jagħmel progress fir-riformi interni tiegħu għall-bini u l-konsolidament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u aktar ma jħaffef il-pass ta' tali progress, aktar għandu jirċievi appoġġ mill-Unjoni; Tali approċċ ta' kondizzjonalità pożittiva jista' jġib miegħu bidla reali u jiggarantixxi li flus il-kontribwenti Ewropej qed jintefqu b'mod sostenibbli;*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex l-ELM ikun jista' jwieġeb għall-isfidi futuri potenzjali u għall- | (9) Sabiex l-ELM ikun jista' jwieġeb għall-isfidi futuri potenzjali u għall- |

| | |
|---|---|
| prijoritajiet tal-Unjoni, kif ukoll biex jipprovdi rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali ***tal-migrazzjoni***, il-limitu massimu għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija tal-UE jeħtieġ li jiżdied għal EUR ***32 300 000 000 billi jiġi rilaxxat l-ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000***. Skont il-mandat ġenerali, l-ammont ta' EUR 1 400 000 000 għandu jkun allokat għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ***ir-refuġjati*** u l-komunitajiet ***ospitanti f'żoni milquta mill-kriżijiet***. | prijoritajiet tal-Unjoni, kif ukoll biex jipprovdi rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali ***tal-pressjonijiet migratorji li jinbtu mill-faqar, mill-inugwaljanza, mit-tkabbir demografiku, min-nuqqas ta' impjiegi u ta' opportunitajiet ekonomiċi, it-tibdil fil-klima***, il-limitu massimu għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija tal-UE jeħtieġ li jiżdied għal EUR ***38 470*** **000 000**. Skont il-mandat ġenerali, l-ammont ta' EUR 1 400 000 000 għandu jkun allokat għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ***l-iżvilupp ta' infrastruttura ekonomika u soċjali fil-pajjiżi sħab*** u l-komunitajiet ***ta' tranżitu u dawk ospitanti, b'enfasi fuq il-ħolqien tal-impjiegi u s-sostenibbiltà***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Taħt il-mandat il-ġdid ta' self tas-settur privat, jenħtieġ li l-ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 ikun iddedikat għal proġetti li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni fil-limitu massimu miżjud u jenħtieġ li jibbenefika mill-Garanzija Komprensiva mill-Unjoni. | (10) Taħt il-mandat il-ġdid ta' self tas-settur privat, jenħtieġ li l-ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 ikun iddedikat għal proġetti li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni ***u jikkontribwixxu lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul tal-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu,*** fil-limitu massimu miżjud u jenħtieġ li jibbenefika mill-Garanzija Komprensiva mill-Unjoni. |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Bħala wieħed mill-objettivi prinċipali tal-BEI fl-ambitu tal-ELM, l-appoġġ għall-iżvilupp tal-MSMEs u tas-*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***settur privat lokali jeħtieġ sforz miftiehem biex l-operazzjonijiet tal-BEI jiġu ffukati fuq it-titjib tal-aċċess tal-MSMEs għall-finanzjament u l-kreditu, l-għoti ta' assistenza teknika, il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-iżgurar tal-provvista xieraq ta' servizzi finanzjarji lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji, sabiex l-MSMEs ikunu jistgħu jagħmlu tranżizzjoni aktar faċli mill-ekonomija informali volatili għas-settur formali. L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom ifittxu wkoll li jappoġġjaw b'mod qawwi l-proġetti żgħar ta' investiment immexxija mill-MSMEs, biex ikomplu jiffaċilitaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-MSMEs, speċjalment fiż-żoni rurali mbiegħda, u b'mod partikolari fil-qasam tat-trattament tal-ilma tax-xorb, ir-rimi tal-ilma mormi kif ukoll l-enerġija rinnovabbli.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 10b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10b) Jenħtieġ li ssir reviżjoni tal-mandat tas-self estern biex jiġi żgurat l-allinjament tiegħu mal-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp u l-SDG.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Jenħtieġ li t-trattament tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni ***jiġi miżjud*** bħala objettiv ġdid tal-mandat. | (11) Jenħtieġ li t-trattament tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni ***u l-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli fit-tul jiġu miżjuda*** bħala objettiv ġdid tal-mandat***; il-proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-objettiv il-ġdid jenħtieġ li, fil-prinċipju,*** |

***jissodisfaw il-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) stabbilita mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD u jenħtieġ li jkunu konformi mal-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem***.

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) Jenħtieġ li l-komplementarjetà u l-koordinazzjoni mal-inizjattivi tal-Unjoni li jindirizzaw il-kawżi tal-migrazzjoni jiġu żgurati, flimkien mal-appoġġ tal-Unjoni għar-riintegrazzjoni sostenibbli ta' migranti li jirritornaw lejn il-pajjiżi ta' oriġini.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Wara l-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-klima[4], jenħtieġ li l-għan tal-BEI jkun li ***jinżamm*** il-livell għoli attwali ta' nfiq rilevanti għall-klima taħt l-ELM, filwaqt li jikkontribwixxi għaż-żieda tal-investiment tiegħu relatat mal-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn 25 % għal 35 % sal-2020. | (13) Wara l-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-klima[4], jenħtieġ li l-għan tal-BEI jkun li ***jiżdied*** il-livell għoli attwali ta' nfiq rilevanti għall-klima taħt l-ELM, filwaqt li jikkontribwixxi għaż-żieda tal-investiment tiegħu relatat mal-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn 25 % għal 35 % sal-2020***, skont l-impenn meħud fl-istrateġija għall-klima tiegħu. Jenħtieġ li l-BEI jqis il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa tat-22 ta' Mejju 2013 dwar it-tneħħija gradwali ta' sussidji ta' ħsara ambjentali jew ekonomika, inkluż fuq*** |

| | |
|---|---|
| | ***karburanti fossili.*** |
| ____________________ | ____________________ |
| [4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/590 tal-11 ta' April 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 103, 19.4.2016, p. 1). | [4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/590 tal-11 ta' April 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 103, 19.4.2016, p. 1). |

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-istrateġija tiegħu dwar il-klima adottata fi tmiem l-2015, il-BEI ħa l-impenn li jgħolli l-livell tiegħu għall-proġetti ta' azzjoni dwar il-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal massimu ta' 35 % sa tmiem l-2020. Dan l-avviż jenħtieġ li jiġi rifless fil-mandat estern tiegħu. Bl-istess mod, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 għandhom jiġu riflessi bis-sħiħ fl-attivitajiet ta' self esterni tal-Ewropa.*

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Jenħtieġ li l-BEI jiżviluppa u jimplimenta sett ta' indikaturi fil-qafas għall-Kejl tar-Riżultati tiegħu għall-proġetti fis-settur pubbliku u fis-settur privat ***diretti lejn ir-refuġjati*** u ***l-komunitajiet*** ospitanti. Għalhekk, ***jenħtieġ li*** fir-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ***l-operazzjonijiet*** ta' finanzjament tal-BEI, tiġi inkluża valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ***li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni***. | (15) Jenħtieġ li l-BEI jiżviluppa u jimplimenta sett ta' indikaturi fil-qafas għall-Kejl tar-Riżultati tiegħu għall-proġetti fis-settur pubbliku u fis-settur privat ***li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u r-reżiljenza ekonomika fit-tul tal-komunitajiet ta' tranżitu*** u ***dawk*** ospitanti. Għalhekk, fir-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ***il-kontribut tal-operazzjonijiet*** ta' finanzjament tal-BEI ***lejn dawn l-objettivi, b'mod partikolari kontribut għall-SDG, l-involviment tas-soċjetà ċivili lokali, u l-allinjament mal-prijoritajiet esterni tal-Unjoni u l-prijoritajiet tal-baġit tal-Unjoni għandha*** tiġi inkluża valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI. ***Il-BEI għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jikkonsolida r-responsabbiltà tiegħu quddiem il-Parlament Ewropew, permezz tat-trasparenza u l-aċċess għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***informazzjoni, billi jippubblika r-riżultati, l-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-proġetti fuq bażi sistematika permezz tal-Qafas għall-Kejl tar-Riżultati.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jenħtieġ li l-limitu massimu għal allokazzjoni mill-ġdid bejn ir-reġjuni mill-BEI matul il-mandat jiżdied minn 10 % għal 20 % biss fejn dan jikkonċerna l-bżonn li jiġu indirizzati emerġenzi u sitwazzjonijiet ta' kriżi li jistgħu jinqalgħu fil-perjodu tal-mandat u li huma rikonoxxuti bħala prijoritajiet tal-politika esterna tal-Unjoni. Il-mandat tas-settur privat ta' EUR 2 300 000 000 u l-ammont ta' EUR 1 400 000 000 iddedikat għal proġetti fis-settur pubbliku ***ma jistgħux jiġu allokati mill-ġdid billi l-għan tagħhom hu li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni***. | (16) Jenħtieġ li l-limitu massimu għal allokazzjoni mill-ġdid bejn ir-reġjuni mill-BEI matul il-mandat jiżdied minn 10 % għal 20 % biss fejn dan jikkonċerna l-bżonn li jiġu indirizzati emerġenzi u sitwazzjonijiet ta' kriżi li jistgħu jinqalgħu fil-perjodu tal-mandat u li huma rikonoxxuti bħala prijoritajiet tal-politika esterna tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li l-BEI jinnotifika lill-Parlament Ewropew dwar kull deċiżjoni ta' riallokazzjoni billi jipprovdi rapport ġustifikattiv u valutazzjoni tal-impatt.*** Il-mandat tas-settur privat ta' EUR 2 300 000 000 u l-ammont ta' EUR 1 400 000 000 iddedikat għal proġetti fis-settur pubbliku ***skont l-Inizjattiva tar-Reżiljenza tal-BEI għandhom jiġu assorbiti kompletament għal dan l-iskop u m'għandhomx jiġu allokati mill-ġdid***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI koperti mill-garanzija tal-UE, matul il-perjodu 2014-20 ma għandux jaqbeż it-EUR ***32 300 000 000***. L-ammonti inizjalment allokati għal | Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI koperti mill-garanzija tal-UE, matul il- 2014-20 ma għandux jaqbeż it-EUR ***38 470 000 000***. L-ammonti inizjalment allokati għal operazzjonijiet ta' |

| | |
|---|---|
| operazzjonijiet ta' finanzjament iżda kkanċellati sussegwentement ma jgħoddux mal-limitu. | finanzjament iżda kkanċellati sussegwentement ma jgħoddux mal-limitu. |

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda ssuġġerita hija meħtieġa jekk il-BEI se jikkontribwixxi għal firxa sħiħa tal-politiki u l-prijoritajiet tal-UE, inkluża l-Ukrajna u pajjiżi oħrajn li saru eliġibbli reċentement.*

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ammont massimu ta' EUR ***30 000 000 000*** taħt mandat ġenerali, li minnhom ammont ta' EUR 1 400 000 000 huwa allokat għal proġetti fis-settur pubbliku ***diretti lejn ir-refuġjati*** u ***l-komunitajiet*** ospitanti; | (a) ammont massimu ta' EUR ***36 170 000 000*** taħt mandat ġenerali, li minnhom ammont ta' EUR 1 400 000 000 huwa allokat għal proġetti fis-settur pubbliku ***biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, inkluż it-tibdil fil-klima, u l-infrastruttura u l-iżvilupp soċjali u ekonomiċi fit-tul tal-persuni spustati bil-forza*** u ***tal-komunitajiet*** ospitanti***, implimentati taħt l-Inizjattiva tar-Reżiljenza tal-BEI***; |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni. | (b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni***, l-infrastruttura u l-iżvilupp soċjali u ekonomiċi fit-tul tal-persuni spustati bil-forza u tal-komunitajiet ospitanti,*** |

| | |
|---|---|
| | ***implimentati taħt l-Inizjattiva tar-Reżiljenza tal-BEI*;** |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) risposta strateġika għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni**.**; | (d) risposta strateġika għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni ***li jirriżultaw mill-faqar, mill-inugwaljanza, mit-tkabbir demografiku, min-nuqqas ta' impjiegi u ta' opportunitajiet ekonomiċi, mit-tibdil fil-klima fit-tul u li jikkontribwixxi għar-reżiljenza ekonomika tal-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu***; |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 4

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| "4. Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif iddefiniti fil-lista ta' riċevituri tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom ***jikkontribwixxu indirettament***, f'konformità mal-Artikoli 208 u 209 tat-TFUE, ***għall-għanijiet*** tal-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, ***bħat-tnaqqis*** tal-faqar permezz tat-tkabbir inkluživ u l-iżvilupp ekonomiku, ambjentali u soċjali sostenibbli. | "4. Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif iddefiniti fil-lista ta' riċevituri tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom ***jiffukaw***, f'konformità mal-Artikoli 208 u 209 tat-TFUE, ***fuq l-għanijiet*** tal-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, ***b'mod partikolari fuq it-tnaqqis*** tal-faqar permezz tat-tkabbir inkluživ u l-iżvilupp ekonomiku, ambjentali u soċjali sostenibbli. |

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02014D0466-20160926&qid=1486646836381&from=MT)*

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Biex jiġi żgurat li l-investimenti tas-settur privat ikollhom l-ikbar impatt fuq l-iżvilupp, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex isaħħaħ ***is-settur*** privat lokali fil-pajjiżi benefiċjarji permezz ta' appoġġ għall-investiment lokali kif previst fil-punt (a) tal-paragrafu 1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jappoġġaw l-objettivi ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom ifittxu ***wkoll*** li jtejbu l-appoġġ tagħhom għall-proġetti ta' investiment mmexxija ***mill-SMEs tal-Unjoni***. Sabiex l-użu tal-fondi jiġi mmonitorjat b'mod effettiv għall-benefiċċju ***tal-SMEs*** ikkonċernati, il-BEI għandu jistabbilixxi u jżomm dispożizzjonijiet kuntrattwali xierqa li jimponu obbligi ta' rapportar standard kemm fuq l-intermedjarji finanzjarji kif ukoll fuq il-benefiċjarji***;*** | Biex jiġi żgurat li l-investimenti tas-settur privat ikollhom l-ikbar impatt fuq l-iżvilupp, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex isaħħaħ ***bħala prijorità lis-settur*** privat lokali ***inklużi l-MSMEs*** fil-pajjiżi benefiċjarji permezz ta' appoġġ għall-investiment lokali kif previst fil-punt (a) tal-paragrafu 1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jappoġġaw l-objettivi ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom ifittxu li jtejbu l-appoġġ tagħhom għall-proġetti ta' investiment mmexxija ***minn MSMEs, filwaqt li jippermettu aċċess għall-finanzjament u jimmobilizzaw l-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment ġodda mmexxija minn MSMEs, biex tkun iffaċilitata aktar l-internazzjonalizzazzjoni tal-MSMEs***. Sabiex l-użu tal-fondi jiġi mmonitorjat ***u evalwat*** b'mod effettiv għall-benefiċċju ***tal-MSMEs*** ikkonċernati, il-BEI għandu ***jwettaq eżerċizzju tad-diliġenza dovuta u*** jistabbilixxi u jżomm dispożizzjonijiet kuntrattwali xierqa li jimponu obbligi ta' rapportar standard kemm fuq l-intermedjarji finanzjarji kif ukoll fuq il-benefiċjarji ***finali.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Matul il-perjodu kopert minn din id-Deċiżjoni, l-EIB għandu jagħmel ħiltu biex jinżamm il-livell għoli attwali tal-operazzjonijiet rilevanti għall-klima, filwaqt li l-volum minimu ta' dawn l-operazzjonijiet għandu jirrappreżenta mill-inqas 25 % tal-operazzjonijiet ta' finanzjament kollha tal-BEI. | Matul il-perjodu kopert minn din id-Deċiżjoni, l-EIB għandu jagħmel ħiltu biex jinżamm il-livell għoli attwali tal-operazzjonijiet rilevanti għall-klima, filwaqt li l-volum minimu ta' dawn l-operazzjonijiet għandu jirrappreżenta mill-inqas 25 % tal-operazzjonijiet ta' finanzjament kollha tal-BEI***, u din il-mira għandha tiżdied gradwalment għal tal-inqas 35 % sal-2020***. |

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jappoġġaw l-objettivi ġenerali previsti fil-punt (d) tal-paragrafu 1 għandhom isostnu l-proġetti ta' investiment li jindirizzaw il-kawżi fundamentali ***tal-migrazzjoni,*** jikkontribwixxu għar-reżiljenza ekonomika fit-tul u jissalvagwardjaw l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi benefiċjarji. L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom, b'mod partikolari, ***jindirizzaw il-ħtiġijiet li qed jiżdiedu għall-infrastruttura u għas-servizzi relatati li jpprovdu għal-influss tal-migranti, u jżidu l-opportunitajiet ta' xogħol għall-komunitajiet ospitanti u tar-refuġjati biex titrawwem l-integrazzjoni ekonomika u biex ir-refuġjati jsiru awtonomi***. | L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jappoġġaw l-objettivi ġenerali previsti fil-punt (d) tal-paragrafu 1 għandhom isostnu l-proġetti ta' investiment li ***tal-pressjonijiet migratorji li jirriżultaw mill-faqar, mis-sottożvilupp, mill-inugwaljanza, mit-tkabbir demografiku, min-nuqqas ta' impjiegi u ta' opportunitajiet ekonomiċi kif ukoll mit-tibdil fil-klima u*** jikkontribwixxu għar-reżiljenza ekonomika fit-tul u jissalvagwardjaw l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi benefiċjarji ***filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-SDG***. L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom, b'mod partikolari, ***isaħħu l-azzjoni umanitarja u jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, filwaqt li jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u d-drittijiet soċjali, il-libertajiet fundamentali u l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jimplimentaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem u soċjali kollha f'konformità mat-trasparenza, il-parteċipazzjoni, in-nondiskriminazzjoni u r-responsabbiltà.*** |

| | |
|---|---|
| | ***L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom jirrikonoxxu li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija kwistjoni trasversali biex jinkiseb żvilupp sostenibbli. Perspettiva li tikkunsidra l-ġeneru għandha tiġi applikata għall-operazzjonijiet ta' finanzjament kollha. Il-BEI għandu jiżgura li, sal-31 ta' Diċembru 2017, jiżviluppa Pjan ta' Azzjoni għall-Ġeneru u li l-operazzjonijiet kollha tal-BEI fl-ambitu ta' dan il-mandat jirrispettaw il-prinċipji tal-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn is-sessi approvata f'Diċembru 2016.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ca (ġdid)**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 3 – paragrafu 9

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| "9. Il-garanzija tal-UE għandha tkopri biss operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jsiru f'pajjiżi eliġibbli li jkunu kkonkludew ftehim qafas mal-BEI li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet legali biex isiru dawn l-operazzjonijiet." | "9. Il-garanzija tal-UE għandha tkopri biss operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jsiru f'pajjiżi eliġibbli li jkunu kkonkludew ftehim qafas mal-BEI li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet legali biex isiru dawn l-operazzjonijiet***. Kondizzjonijiet legali li fihom għandhom jitwettqu l-operazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll standards ambjentali, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol***." |

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1488449786444&uri=CELEX%3A02014D0466-20160926)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ftehimiet qafas konklużi bejn il-BEI u l-pajjiż riċevitur jinkludu, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni, il-konvertibilità tal-munita, it-trasferiment tal-fondi, it-trattament doganali u fiskali tal-proġetti, il-proċess tas-sejħa għal offerti u t-trattament tar-rappreżentanti tal-bank. Għalhekk, il-ftehimiet qafas għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jirreferu għal obbligi fi kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol.*

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fl-Artikolu 9(1), għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:*** |
| | ***"Il-BEI għandu jiżgura li l-prinċipju ta' kunsens liberu,infurmat minn qabel u jiġi implimentat, qabel l-operazzjonijiet ta' finanzjament li jolqtu l-art u r-riżorsi naturali.";*** |

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:02014D0466-20160926&qid=1488388409292&from=MT)*

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-2007, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni li fiha rrikonoxxiet drittijiethom u għamlet riferiment speċifiku għall-kunsens liberu, infurmat minn qabel bħala rekwiżit preliminari għal kwalunkwe attività li tolqot l-artijiet, it-territorji u r-riżorsi naturali ta' missirijiethom. Dan il-prinċipju għandu jiġi rrispettat ukoll fl-operazzjonijiet tal-BEI.*

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Fl-Artikolu 9(1), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:*** |
| | ***"Il-BEI għandu jistabbilixxi gwida prattika dwar il-valutazzjoni tal-aspetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem bażiċi kollha li għandhom jintużaw waqt il-valutazzjoni ex ante u l-monitoraġġ kontinwu fuq bażi ta' proġett bi proġett, inkluż għal proġetti li jinvolvu*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***intermedjarji finanzjarji, ibbażata fuq l-oqfsa eżistenti, b'mod partikolari l-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem.";*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Għandhom jiġu żviluppati mill-BEI indikaturi għal proġetti li jipprovdu rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni***;***; | (b) Għandhom jiġu żviluppati mill-BEI indikaturi għal proġetti li jipprovdu rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni ***u jikkontribwixxi għall-bini tar-reżiljenza ekonomika fit-tul tal-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu b'konsultazzjoni u f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati u s-soċjetà ċivili***; |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***(aa) fl-Artikolu 11(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| "(c) valutazzjoni ***tal-kontribut*** tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI biex jiġu ***sodisfatti*** l-politika esterna ***u l-għanijiet strateġiċi*** tal-Unjoni***, b'kont meħud tal-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali msemmija fl-Artikolu 5;"*** | "(c) valutazzjoni ***tal-kontribuzzjoni*** tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI biex jiġu ***ssodisfati*** l-politika esterna tal-Unjoni ***u l-objettivi strateġiċi tagħha.*** |
|  | ***Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), tistabbilixxi qafas u metodoloġija għal rappurtar annwali mill-BEI dwar l-operazzjonijiet tiegħu koperti*** |

***mill-Garanzija Komunitarja u l-konformità tagħhom mal-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tat-TUE. L-objettiv ewlieni ta' dan ir-rapportar għandu jkun il-monitoraġġ tal-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mal-obbligi tat-TUE, u partikolarment mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tiegħu, inkluż ir-rispett għal u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-qerda tal-faqar u l-ġestjoni tar-riskji ambjentali.***

***Dik il-metodoloġija għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni u mis-SEAE matul l-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni riveduta u tibni fuq rappurtar dwar il-konformità mad-drittijiet tal-bniedem mill-BEI, kif mitlub mill-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.***

***Abbażi tar-rappurtar annwali mill-BEI, kull sena l-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew l-evalwazzjoni tagħha tal-informazzjoni pprovduta mill-BEI u tissuġġerixxi tibdil possibbli fil-politiki u l-proċeduri li jkun segwit mill-BEI għall-adozzjoni mill-Istati Membri wara li tqis l-opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar dawk il-bidliet. Rakkomandazzjonijiet possibbli mill-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew dwar kif jista' jittejjeb ir-rappurtar tal-BEI għal dak il-għan għandhom ikunu riflessi minnu waqt l-aġġornament tal-Linji Gwida Operattivi Tekniċi Reġjonali."***

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1488449786444&uri=CELEX%3A02014D0466-20160926)*

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt j

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) Valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għal rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni**.** ; | (j) Valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għal rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni ***li jirriżultaw mill-faqar, mill-inugwaljanza, mit-tkabbir demografiku, min-nuqqas ta' impjiegi u ta' opportunitajiet ekonomiċi, mit-tibdil fil-klima fit-tul u li jikkontribwixxi għar-reżiljenza ekonomika tal-komunitajiet ospitanti u dawk ta' tranżitu;*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 a (ġdid)**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1 – frażi introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fl-Artikolu 12(1), il-kliem ta' introduzzjoni għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem:*** |
| "1. F'konformità mal-politika tal-BEI dwar it-trasparenza u ***l-prinċipji*** tal-Unjoni dwar l-aċċess għal dokumenti u informazzjoni, u progressivament skont l-Istandards Internazzjonali dwar it-Trasparenza fl-Għajnuna Internazzjonali, il-BEI għandu iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq is-sit elettroniku tiegħu l-informazzjoni marbuta ma': | "1. F'konformità mal-politika tal-BEI dwar it-trasparenza u ***d-dritt*** tal-Unjoni dwar l-aċċess għal dokumenti u informazzjoni, u progressivament skont l-Istandards Internazzjonali dwar it-Trasparenza fl-Għajnuna Internazzjonali, il-BEI għandu iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq is-sit elettroniku tiegħu l-informazzjoni marbuta ma': |

*(http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1488449786444&uri=CELEX%3A02014D0466-20160926)*

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Fl-Artikolu 12(1), jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***"(ba) Il-BEI għandu jagħmel disponibbli fuq ir-reġistru pubbliku tiegħu d-dokumenti li ġejjin:*** |
| | ***- id-Dokumenti tal-Kejl tar-Riżultati kollha għal proġetti li jaqgħu taħt din il-garanzija, b'mod partikolari dawk li jindikaw kif tali garanzija tikkontribwixxi għall-miri tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, filwaqt li tittieħed nota b'mod partikolari tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħha;*** |
| | ***- rapporti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;*** |
| | ***- rapporti dwar it-tlestija tal-proġetti;*** |
| | ***- opinjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess għal informazzjoni u dokumenti kopert minn din il-garanzija għandu jkun direttament ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar aċċess għal dokumenti u żvelar ta' informazzjoni bħal dawk tar-Regolament Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u r-Regolament Nru 1367/2006 tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali.*

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Anness II – punt B – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar ***u r-Russja*** | L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar |

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Anness II – punt B – paragrafu 2 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Ir-Russja*** | ***imħassar*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Anness II – punt C – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, il-Kolombja, il-Costa Rica, Kuba, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Venezwela | L-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, ***iċ-Ċilì,*** il-Kolombja, il-Kosta Rika, Kuba, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Venezwela |

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness III**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Anness II – punt B – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar ***u r-Russja*** | L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar |

**Emenda 33**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness III**
Deċiżjoni Nru 466/2014/UE
Anness II – punt B – paragrafu 2 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Ir-Russja*** | ***imħassar*** |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea |
| **Referenzi** | COM(2016)0583 – C8-0376/2016 – 2016/0275(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>6.10.2016 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>6.10.2016 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Nirj Deva<br>16.12.2016 |
| **Eżami fil-kumitat** | 28.2.2017 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.3.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 19<br>–: 5<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Raymond Finch, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Lola Sánchez Caldentey, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Cécile Kashetu Kyenge, Florent Marcellesi, Louis Michel, Jan Zahradil |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Tania González Peñas, Martina Werner |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 19 | + |
|---|---|
| ALDE | Louis Michel, Paavo Väyrynen |
| ECR | Eleni Theocharous, Jan Zahradil |
| PPE | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Maurice Ponga, Bogdan Brunon Wenta, Željana Zovko, Anna Záborská |
| S&D | Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Martina Werner |

| 5 | - |
|---|---|
| EFDD | Raymond Finch |
| GUE/NGL | Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Florent Marcellesi |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni